

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarij](#) > [Tariffi Tal-qorti Dwar Il-proċedura Tal-ħlas Ewropea](#) > [Austria](#)

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Il-kontenut ipprovdut
minn
Awstrija



Awstrija

Din il-paġna ttiprovdi informazzjoni dwar it-tariffi tal-qorti Awstrijaka.

Introduzzjoni

L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea jistipula li t-tariffi tal-qorti kkombinati ta' proċedura ta' ordni ta' ħlas Ewropea u tal-proċedimenti ċivili ordinarji li jirriżultaw f'każ ta' dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għal ordni ta' ħlas Ewropea fi Stat Membru m'għandhomx jaqbu t-tariffi tal-qorti ta' proċedimenti ċivili ordinarji mingħajr proċedura preċedenti għal ordni ta' ħlas Ewropea f'dak l-Istat Membru. Il-proċedimenti li jirrigwarda rikorsi għal ordni ta' ħlas Ewropea huma għalhekk suġġetti għat-tariffa fissa skont il-Punt ta' Tariffa 1 (*Tarifpost 1*) tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (*Gerichtsgebührengesetz (GGG)*), li titħallas fil-proċeduri nazzjonali kollha għal ordni ta' ħlas u fil-proċedimenti ċivili.

Liema tariffi japplikaw?

Fi proċedimenti relatati ma' rikorsi għal ordni ta' ħlas Ewropea fl-ewwel istanza, japplika l-Punt ta' Tariffa 1 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti, f'konformità man-Nota 1 tal-Punt ta' Tariffa 1 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti. Din it-tariffa fissa titħallas irrispettivament minn jekk ikunux intemmu l-proċedimenti. It-tnaqqis huwa disponibbli biss:

- f'każ li t-talba tiġi rtirata jew miċħuda minnufih qabel in-notifika lill-kontroparti (it-tariffa tonqos għal kwart; in-Nota 3 tal-Punt ta' Tariffa 1 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti); jew
- f'każ ta' rtirar tat-talba wara n-notifika lill-kontroparti, qabel jew waqt l-ewwel seduta (it-tariffa titnaqqas b'nofs; in-Nota 4(a) tal-Punt ta' Tariffa 1 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti); jew
- jekk il-kawża tinqata' fl-ewwel seduta jew fil-bidu tat-tieni seduta minħabba medjazzjoni li tkun inbdiet sa mhux aktar tard minn dik is-seduta. u dik is-soluzzjoni ssir legalment effettiva (it-tariffa titnaqqas bin-nofs; in-Nota 4(b) tal-Punt ta' Tariffa 1 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti).

Skont is-sistema tat-tariffi tal-qorti Awstrijaka, huwa biss ir-rikors promotur (f'dan il-każ, ir-rikors għal ordni ta' ħlas Ewropea) li jkun suġġett għal tariffa fi proċedimenti ċivili fl-ewwel istanza. Ma hemm l-ebda tariffa addizzjonali tal-qorti għal proċedimenti ulterjuri fl-ewwel istanza.

Skont l-Artikolu 2(1)(a) tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti, l-obbligu li jitħallsu t-tariffi jirriżulta meta r-rikors għal ordni ta' ħlas Ewropea tiġi ppreżentata lill-qorti. It-tariffa trid titħallas f'dan iż-żmien. L-applikazzjonijiet għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-tariffi tal-qorti jridu jitressqu permezz tal-għajnuna legali (fl-Awstrija: *Verfahrenshilfe*) sa mhux aktar tard minn dan iż-żmien, dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet.

Ir-rikors għal rieżami skont l-Artikolu 20 tar-Regolament hija mingħajr ħlas (irrispettivament minn jekk għandhiex l-għan li tikseb rimedju legali simili għal *restitutio in integrum* (il-paragrafu 1) jew eżami tas-sustanza (il-paragrafu 2)).

Kemm għandi nħallas?

Il-kalkolu tat-tariffi tal-qorti għall-proċedimenti fl-ewwel istanza jiddependi fuq il-valur tas-suġġett tat-talba (l-ammont fit-tilwima = il-livell tat-talba asserita) u l-għadd ta' partijiet. Bħala eżempju, ara hawn taħt it-tabella sħiħa tar-rati taħt il-Punt ta' Tariffa 1 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (kif kienu fl-1 ta' Mejju 2021; ikklikkja [hawnhekk](#) għall-kliem attwali tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti):

Il-Punt
ta'

Tariffa 1 Il-valur tas-suġġett tat-talba

Tariffa pagabbli

ma huwiex iktar minn EUR 150

EUR 25

huwa iktar minn EUR 150 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 300

EUR 48

huwa iktar minn EUR 300 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 700

EUR 68

huwa iktar minn EUR 700 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 2 000

EUR 114

huwa iktar minn EUR 2 000 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 3 500

EUR 182

huwa iktar minn EUR 3 500 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 7 000

EUR 335

huwa iktar minn EUR 7 000 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 35 000

EUR 792

huwa iktar minn EUR 35 000 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 70 000

EUR 1 556

huwa iktar minn EUR 70 000 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 140 000

EUR 3 112

huwa iktar minn EUR 140 000 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 210 000

EUR 4 670

huwa iktar minn EUR 210 000 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 280 000

EUR 6 227

huwa iktar minn EUR 280 000 iżda mhuwiex iktar minn

EUR 350 000

EUR 7 783

1,2 % tal-ammont tat-tilwima

huwa iktar minn EUR 350 000

flimkien ma' EUR 4 203

Jekk ikun hemm aktar minn żewġ partijiet, jista' jiżdied hals addizzjonali għal ħafna partijiet ta' bejn 10 % u 50 % skont l-Artikolu 19a tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti.

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Fil-każ ta' dewmien fil-ħlas, ikollha titħallas penali fissa ta' EUR 23 (mill-1 ta' Mejju 2021) skont l-Artikolu 31 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti. Madankollu, il-ħlas tardiv tat-tariffa tal-qorti ma għandu l-ebda influwenza fuq l-eżekuzzjoni tal-proċedimenti ċivili nfushom. Il-proċedimenti tal-qorti ma jiddependux mill-ħlas tat-tariffi tal-qorti – dawn isiru b'mod kompletament indipendenti.

L-irkupru tat-tariffi tal-qorti mill-awtorità ġudizzjarja huwa rregolat mill-Att dwar l-Irkupru tal-Ħlasijiet tal-Qorti (*Gerichtliches Einbringungsgesetz (GEG)*). Jekk, bħala riżultat ta' nuqqas ta' ħlas, ikollha tinħareġ ordni ta' ħlas (titolu eżekuttiv għall-irkupru tat-tariffi tal-qorti) mill-awtorità ġudizzjarja taħt l-Artikolu 6a tal-Att dwar l-Irkupru tal-Ħlasijiet tal-Qorti, tapplika tariffa addizzjonali ta' EUR 8 (mill-1 ta' Jannar 2014).

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

Il-metodu ta' ħlas huwa stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti. Dan jipprevedi li t-tariffi jistgħu jiġihallu b'kard tal-bank li tista' tintuża f'ATM jew b'kard ta' kreditu, billi l-ammont jiġihallas jew jiġi ttrasferit fil-kont tal-qorti kompetenti, jew fi flus kontanti lill-qorti kompetenti. Id-dettalji tal-bank tal-qorti huma disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (<http://www.justiz.gv.at/>, fit-tab "Qrati" (*Gerichte*)).

Barra minn hekk, it-tariffi kollha jistgħu wkoll jiġihallu permezz ta' debitu dirett jekk il-qorti (jew, b'mod ġenerali, is-sistema ġudizzjarja Awstrijaka) tkun ġiet awtorizzata tiġbor it-tariffi tal-qorti minn kont innotifikat mill-parti li għandha tħallas it-tariffi, u tiddepożitalhom f'kont tal-qorti. F'dan il-każ ir-rikors (rikors għal ordni ta' ħlas Ewropea) irid jindika l-kont minn fejn għandhom jinġabru t-tariffi u l-awtorizzazzjoni biex jinġabru, pereżempju billi tiġi inkluż r-referenza "Gebühreneinzug!" ("Ġbir ta' tariffi") jew "AEV!" ("Ordinanza dwar id-Debitu Dirett"). Għal awtorizzazzjoni limitata, ir-rikors jista' jindika wkoll l-ammont massimu li għandu jiġi ddebitat (l-Artikoli 5 u 6 tal-Ordinanza dwar id-Debitu Dirett (*Abbuchungs- und Einziehungs-Verordnung*)).

Jekk ir-rikors għal ordni ta' ħlas Ewropea jiġi ppreżentat permezz tas-sistema Awstrijaka tal-Ġustizzja Elettronika (*Elektronischer Rechtsverkehr (ERV)*), it-tariffi jridu jiġihallu permezz ta' debitu dirett. F'dan il-każ, l-ammont

massimu li jrid jiġi ddebitat ma jistax jiġi speċifikat.

X'għandi nagħmel wara l-ħlas?

Jekk l-awtoritajiet federali jkunu intitolati li jitolbu tariffi tal-qorti meta jiġi ppreżentat ir-rikors (ir-rikors għal ordni ta' ħlas Ewropea) u ma jkun hemm l-ebda awtorizzazzjoni ta' debitu dirett, il-prova tal-ħlas tat-tariffi (prova tat-trasferiment) trid tinhemeż mar-rikors (l-Artikolu 4 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti). Jekk il-ħlas isir permezz ta' kard bankarja, kard ta' kreditu, depożitu jew trasferiment fil-kont tal-qorti kompetenti, jew permezz ta' debitu dirett mill-kont tal-parti, l-Aġenzija Federali Awstrijaka tal-Kontabilità (*Buchhaltungsagentur des Bundes*) tinforma lill-awtorità ġudizzjarja dwar l-ikkreditar tal-ħlasijiet lill-kont tal-qorti fi stadju aktar tard biss. Il-proċedura relatata mal-avviż tat-tariffi tal-qorti tintemm meta tingħata prova ta' pagament (sħiħ).

Fil-każ ta' ħlas żejjed, tista' ssir talba għar-rimborż ta' tariffi mħallsa żejda lill-qorti (l-Artikolu 6c(1)(1) tal-Att dwar l-Irkupru tal-Ħlasijiet tal-Qorti) fi żmien 5 snin.

Ħoloq relatati

[L-att dwar it-Tariffi tal-Qorti](#)

 L-aħħar aġġornament: 18/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.